MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 259/2002

Il-Pulizija
(Spettur A.P. Miruzzi)

Vs

Godwin Camenzuli

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) fit-3 ta' Settembru 2002 wara nofs in-nhar f'dawn il-Gzejjer f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli ta' qabel l-Artikolu 95 tal-Kap 9, ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, jigifieri l-Ispettur Alexander Paul Miruzzi u PC 804 Leonard Formosa waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu

ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz. Dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta;
2) ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jigifieri l-Ispettur Alexander Paul Miruzzi u PC 804 Leonard Formosa jew ma hallihomx, jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fid-dmirijiet taghhom billi ma hallix lil haddiehor jaghmel li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kienx jaqa’ taht disposizzjonijiet ohra tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta;
3) ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi garr arma tan-nar, sew jekk ikkargata jew mhix, li ma kienitx qeghda fil-ghata taghha fi triq sekondarja u dan bi ksur tar-Regolament 9(4) ta’ A.L. 146 ta’ l-1993 kif amendata permezz ta’ A.L. 107 ta’ l-2000.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 t’Ottubru, 2002, li biha wara li rat l-Artikolu 95, 338 (cc) u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 9 tal-Kap 152 sabitu hati tal-ewwel u t-tieni akkuza w lliberatu mit-tielet akkuza u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fl-1 ta’ Novembru, 2002 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermha f’dik il-parti fejn sabet htija fl-imputat skond l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, thassarha w tirrevokha fil-bqija, inkluz il-piena nflitta, u minflok, wara li jinstemghu l-provi, ssib u tiddikjara htija tal-istess appellat anke fit-tielet imputazzjoni, w tinfliggi l-piena skond il-ligi, nkluza l-iskwalifika temporanja tal-licenzja ghal skop ta’ kacca w nsib.

Fliet l-atti kollha processwali.

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Alex Miruzzi u t-trattazzjoni fis-seduta tal-lum.

Ikkonsidrat :

Illi mix-xhieda tal-Ispettur Miruzzi jidher car kif jidher ukoll mir-ritratti tal-lokalita' illum esebiti bi qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza, li l-lokalita' in kwistjoni kienet indubjament triq sekondarja u/jew moghdija fil-kampanja u allura skond l-avviz legali 146/93 id-distanza ta' hamsin metru ma tapplikax.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta (Appell Kriminali – Pul. Vs Anthony Zammit – 11/2/2002) u bir-rispett ma taqbilx ma l-interpretazzjoni hemm moghtija tar-Regolament 9 (4) kif mibdul u sostitwit bl-avviz legali 146/1993. Hu car li dan ir-Regolament fil-waqt li jimpedixxi li xi persuna igorr arma tan-nar, sew jekk ikargata jew mhix li ma tkunx qeghda go l-ghata taghha f'inqas minn hamsin metru minn "toroq principali w arterji," fl-istess hin jghid li din id-distanza ma tapplikax fil-kaz ta' toroq sekondarji w moghdijiet fil-kampanja.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma jistax ifisser hlief haga wahda w cioe' li fil-kaz ta' toroq sekondarji u moghdijiet fil-kampanja ma hemmx din il-projbizzjoni. Dan ghaliex kieku kellha treggi l-interpretazzjoni moghtija fis-sentenza imsemmija li cioe' ghax ma tapplikax id-distanza allura isehh il-projbizzjoni f'kull kaz, u jekk wiehed jirriducci dan "Ad Absurdum" ikun ifisser illi allura anke jekk wiehed igorr arma mhux fl-ghata taghha anki iktar minn hamsin metru mit-triq sekondarja jew moghdija, ikun kemm ikun il-boghod minn din it-triq sekondarja jew moghdija, ikun qed jikser il-ligi.
Dan ovvjament mhux il-kaz.

Ghalhekk l-interpretazzjoni ovvja li ghandha tinghata lil din id-disposizzjoni tal-ligi hija wahda w cioe', li fejn si tratta ta' garr ta' arma mhux fl-ghata taghha f'toroq sekondarji u moghdijiet tal-kampanja ma hemmx ir-rekwizit li l-arma trid tkun hekk moghttija.

Illi ghal dawn il-motivi l-aggravju ta' l-Avukat Generali fuq ir-risultanzi fattwali kif issa rrizultaw lil din il-Qorti u l-konsiderazzjonijiet legali hawn fuq maghmula, jidher mhux gustifikat.

Ghaldaqstant tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dana illi t-terminu tal-liberta' kondizzjonata jibda jiddekorri mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------